MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 771/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Kurt Galea Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta’ Marzu ta’ l-1999 li permezz tieghu il-Korporazzjoni attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socejta' attrici s-somma komplessiva ta' sitt mija u tmintax-il lira u disgha u hamsin centezmi (Lm618.59c) rappresentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 662115 u dana wara t-talba tieghu ghall-istallazzjoni ta' linja tat-telephone;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar 1998 u bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Frar 1998 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-ammont mitlub fl-avviz mhux dovut ghax gie mhallas kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-Korporazzjoni attrici tallega li l-ammont ta' sitt mija u tmintax-il lira Maltin u disgha u hamsin centezmu, (Lm618.59,0), hu dovut lilha mill-konvenut;**

**2. Illi effettivament dan kien rikonoxxut mill-konvenut li effettwa l-pagament dovut permezz ta' cekk li meta pero' mar jissarraf ibbawnsja;**

**3. Illi l-ammont fuq indikat huwa dovut fuq in-numru tat-telefon 662115;**

**4. Illi rrizulta li fis-16 ta' Dicembru ta' l-1996 saret talba biex is-servizz jigi "….mizmum f'idejn Leslie Scott…";**

**5. Illi f'April ta' l-1997 il-Korporazzjoni attrici invitat lill-utent imsemmi fil-paragrafu precedenti biex imur u jikkonkludi l-kuntratt ta' transfer mitlub izda dan il-ftehim ma rrizultax;**

**6. Illi konsegwentement il-kontijiet baqghu jigu indirizzati lill-konvenut Galea Pace;**

**7. Illi peress li l-pagamenti dovuti ghas-servizz de quo baqghu ma gewx saldati kellha tittiehed din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi skond il-konvenut il-fatti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:**

**1. Illi n-numru ta' telefon indikat fl-avviz odjern jirrigwarda l-fond numru 16, Triq ic-Cimiterju, Haz-Zabbar, liema fond hu propjeta' tal-konvenut;**

**2. Illi dan il-fond inkera f'Marzu ta' l-1997 u minhabba f'hekk il-konvenut isostni li kien ghalaq kwalunkwe kont pendenti li seta' kellu mal-Korporazzjoni attrici;**

**3. Illi l-konvenut isostni wkoll li kien mar flimkien mal-persuna li kien kera l-fond ghand l-imsemmija Korporazzjoni biex is-servizz telefoniku tal-fond de quo jghaddi fuq l-istess kerrej;**

**4. Illi peress li l-konvenut inghata struzzjonijiet li kellu jaghlaq il-kontijiet pendenti qabel ma jigi effettwat it-trasferiment, allura jsostni li ssalda l-pagamenti kollha minnu dovuti u ghamel hekk billi hallas l-ammont minnu dovut fi flus kontanti;**

**5. Illi ghalhekk ma kellux relazzjoni aktar mal-Korporazzjoni attrici rigward in-numru ta' telefon in dizamina;**

**6. Illi ghalhekk qed jikkontendi din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi huwa principju assodat fl-ordinament procedurali taghna li min jallega jrid jipprova;**

**Illi din il-proceduta hi bbazzata fuq allegazzjoni tal-Korporazzjoni attrici minghajr il-konfront ta’ prova sostentiva ribadibbli;**

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut tirrespingi t-talbiet attrici stante li ma gewx ipprovati, bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**